MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 241/2001/1

**Joseph u Helen konjugi Camilleri**

**vs**

**Anthony u Helen konjugi Gove`**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Frar 2001 fejn esponew: -

Illi l-atturi huma kredituri tal-konvenuti u dan fl-ammort ta' sebat elef, u seba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm7,784) u dan rappresentanti bilanc, parti minn somma akbar in kwantu ghal xoghlijiet ta' dawl, elettriku, provvista ta' materjal u xoghol iehor konness ma' din is-sengha, liema xoghlijiet l-attur esegwixxa fuq struzzjoni u 'nkarigu tal-konvenut Anthony Gove'.

Illi x-xoghlijiet in kwistjoni saru mill-attur Joseph Camilleri gewwa l-"Cape Inch Hotel" li tinsab Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar.

Illi minkejja li nterpellati diversament, il-konvenuti baqghu 'nadempjenti u ma hallsux lill-atturi.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi u dan versu s-somma ta' sebat elef, seba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm7,784), jew somma ohra verjuri hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, u dan in kwantu ghal bilanc parti minn somma akbar, ghal xoghlijiet ta' elettriku, dawl, provvista ta' materjal u xoghol iehor konness ma' din is-sengha, liema xoghlijiet saru minn l-atturi fuq inkarigu tal-konvenuti.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sebat elef, seba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm7,784) jew somma ohra verjuri hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 18 ta' Jannar 2001, bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni u b'hekk il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta' April 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 2 ta' Marzu 2001 (fol 10) fejn esponew: -

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont mhux dovut u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi qatt ma gie miftiehem prezz bejn il-partijiet ghax-xoghlijiet in kwistjoni u x-xoghlijiet interkorsi mill-attur fil-

fond in kwistjoni ghandhom jigu mkejla minn perit arkitett mqabbad ghal dan l-iskop.

3. Illi ghax-xoghlijiet minnu maghmula l-attur gja thallas mill-konvenut is-somma ta' erbatax-il elf lira Maltin (Lm14,000) u skont kalkoli mill-Ingijier Victor Bonello huwa m'ghandu jithallas xejn aktar

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri (fol 88) ipprezentat ir-Registru fl-10 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Marzu 2007 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Gatt ghall-attur prezenti. Il-konvenuti u l-Avukat taghhom imsejhin tliet darbiet ma dehrux. Dr. Edward Gatt tratta l-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007; u sal-31 ta' Ottubru 2012 il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differieta ghas-16 ta' April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precendenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' sebat elef, seba' mija u erbgha u tmenin Liri Maltin (Lm7,784), jew somma ohra verjuri hekk kif likwidata minn din il-Onorabbli Qorti, ghal xoghlijiet ta' elettriku, dawl, provvista ta' materjal u xoghol iehor konness ma' din is-sengha, liema xoghlijiet saru mill-atturi fuq struzzjoni u nkarigu tal-

konvenuti, gewwa l-*Cape Inch Hotel* li tinsab fi Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar.

Min-naha l-ohra, fin-Nota tal-Eccezzjonijiet, il-konvenuti eccepew illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont mhux dovut. Barra minn hekk, huma jsostnu illi qatt ma gie miftiehem prezz bejn il-partijiet ghax-xoghlijiet in kwistjoni u li x-xoghlijiet inkorsi mill-attur fil-fond mertu tal-kawza odjerna, ghandhom jigu mkejla minn Perit Arkitett imqabbad ghal dan l-iskop. *Inoltre*, eccepew li l-attur ga thallas is-somma ta' erbatax-il elf liri Maltin (Lm14,000) ghax-xoghlijiet minnu maghmula. Skont il-kalkoli li saru mill-Inginier Victor Bonello m'hemmx iktar flus dovuti.

L-atturi ipproducew diversi xhieda. L-attur **Joseph Camilleri**[1] xehed li x-xoghol tieghu jikkonsisti fi *plumbing,* elettriku u xoghol simili, u ilu f'dan il-mestier ghal xi disgha u tletin sena (39) sena. Huwa spjega illi flimkiem ma' erba' nies ohra mieghu, ghamel xi xoghol ghall-konvenut gewwa l-lukanda "*Cape Inch",* f'Bugibba, partikolarment id-dawl u l-ilma. Damu jahdmu fuq dan ix-xoghol ghal cirka seba' xhur. Qal li ma kellhom l-ebda ftehim fir-rigward il-hlas, izda meta kien jitolbu l-flus b'mod xieraq, dan kien ihallsu akkont. Hu ammetta li kien ircieva diversi pagamenti akkont, li minghalih jammontaw ghal tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000).

Fil-kors tax-xoghlijiet qatt ma kellu l-ebda ilment, la mill-konvenut li kien ikun prezenti waqt ix-xoghol, u lanqas mill-Inginier tieghu. Xehed ukoll li hu stess kien qabbad lill-Inginier Victor Bonello u dan peress li l-konvenut xtaq li jkun hemm sorveljanza minn Inginier.

Meta x-xoghol tlesta kollu, huwa ghadda l-kont globali lill-konvenut u dan beda jhallas il-pagament ta' elf lira fix-xahar ghat-total ta' tlett elef Lira (Lm3,000). Kollox mexa sew ghal dawn l-ewwel tliet xhur. Izda, wara li sar il-hlas ta' tlett elef Lira l-konvenut qallu li jrid igib Perit sabiex ikejjel u li ma riedx ihallas ghax kien serqu. Il-VAT ma

[1] Seduta tal-24 ta' Jannar 2002.

kienx inkluz fl-ammont imsemmi u dan kien jafu l-konvenut, minkejja li hu kien hallas ghall-VAT. Il-kont kien jinkludi wkoll il-materjal.

Minn meta x-xoghlijiet tlestew, l-Inginier Bonello qatt ma kellmu izjed lill-attur, pero' jaf li l-Inginier minn rajh, ghamel stima tax-xoghlijiet li saru, minghajr ma kkonsulta mal-attur.

Hu ghamel ix-xoghol kollu li kellu jaghmel u l-kont tieghu hu bbazat biss fuq ix-xoghol li sar minnu. Il-kont finali tieghu kien jammonta ghal ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) u dan minghajr VAT.

**Victor Camilleri,** bin l-atturi[2] xehed illi huwa kien ghamel xi xoghol li kien sar f'*Cape Inch Hotel* gewwa Bugibba. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'elettriku, xoghol f'numru ta' kmamar tal-banju, jigifieri bdil ta' *geysers, mixers,* kif ukoll xi *plumbing* fi tnejn minnhom. Kienu erbgha min-nies qed jahdmu. Damu xi sitta jew seba' xhur ghaddejjin bix-xoghol, u gieli hadmu fil-*weekend* ukoll, ghax ix-xoghol kien urgenti. Kien jibdew jahdmu f'xi t-tmienja ta' filghodu u jibqghu sejrin sas-sitta ta' filghaxija, u dan b'mod regolari. Il-materjal kien jixtrih missieru u kien izommu fil-garaxx taghhom.

L-Inginier Victor Bonello kien is-*Supervisor* taghhom, waqt illi l-konvenut kien ikun dejjem prezenti. La l-Inginier u lanqas il-konvenut qatt ma waqfuhom mix-xoghol.

L-ebda pagament qatt ma sar quddiemu peress illi dan dejjem sar bejn missieru u l-konvenut.

Rigward ix-xoghol li sar qabel ma bdew jahdmu huma, dan kellhom inehhuh u jibdew mill-gdid.

Waqt il-kontro-ezami huwa qal li huma kienu jghaddu t-trinek u ilu f'dan il-mestier ghal xi tliet snin, izda fir-rigward hlas u kalkulazzjoni ta' xoghol ma jifhimx.

[2] Seduta tas-7 ta' Frar 2002 esibit a fol. 124 tal-process.

Huwa qal li ma jafx kemm kien hemm kmamar tal-banju, izda d-dawl sar kullimkien, u sar ukoll xi *plumbing* pero' ma jiftakarx kemm. It-trinek saru mill-gdid.

Ix-xhieda tal-attur u ta' ibnu Victor Camilleri gie ikkorroborat mix-xhieda ta' **Josef Camilleri**[3] wkoll bin l-atturi. Xehed li l-konvenut kien qal lil missieru quddiemu stess, illi kellu xi jghid man-nies li kienu qed jaghmlu x-xoghol qabel ma bdew huma. Sabiex ghaddew id-dawl ghamlu hafna trinek. Ix-xoghol li kienu ga ghamlu n-nies ta' qabel kellu jsir kollu mill-gdid, peress illi ma kienx sar kif suppost.

Il-materjal missieru kien jixtrih. Ghamlu *generator* u *trunking* ghas-satellita. Qal li saru trinek f'sitt kmamar tal-banju. Hu gieli mar jigbor pagamenti minn ghand il-konvenut f'isem missieru.

L-attur ukoll ipproduca lil **Christopher Cunningham,** li hu impjegat mieghu[4] bhala *"full time electrician"* u *"plumber"*. Kien involut fix-xoghol li sar flimkien mal-attur fil-*Cape Inch Hotel* f'Bugibba, fejn hadem fuq bazi regolari ghal xi erba' jew hames xhur. Kienu irrangaw xi xoghol li sar qabel minn haddiehor u ghamlu diversi alterazzjonijiet fis-sistema tad-dawl. Il-konvenut gieli rah fuq il-post u qatt ma qallu biex jieqaf mix-xoghol ghaliex kien hazin. Qal ukoll illi l-materjal kien igibu l-attur.

Il-konvenut **Anthony Gove'** xehed[5] illi hu d-Direttur ta' *Cape Inch Company Limited* li hija l-proprjetarja ta' *Cape Inch Hotel,* Triq il-Merluzz, Qawra. Qal li xi sentejn ilu kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel xi xoghol ta' elettriku u *plumbing* fil-lukanda fuq imsemmija. Din kienet l-ewwel darba li kien inkarigah jaghmel xi xoghol.

Wara li sar ftehim fir-rigward tax-xoghol u prezzijiet, ghamlu karta bejniethom (li kellu jesibiha fil-kors tal-proceduri imma baqa' ma esibixxa qatt din il-karta.

---

[3] Seduta tas-7 ta' Frar 2002 a fol. 126 tal-process.
[4] Seduta tat-13 ta' Marzu 2002 a fol. 129 tal-process.
[5] Seduta tat-18 ta' Gunju 2002 a fol. 163 tal-process.

Sar xoghol fir-rigward ta’ hames kmamar tal-banju, wahda *shower* u zewg *toilets*. Fir-rigward il-*conduit*, hames kmamar kienu lesti.

Sar ftehim ghal tmien Liri u nofs il-*point* (Lm8.50).

Ghall-kmamar tal-banju l-ohra, x-xoghol kien minimu u ma sarx *conduit* izda sar *re-wiring* ta’ kollox.

Kien ihallsu akkont u jaf li meta spicca hallsu ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000). Sussegwentement, wara tah ukoll erbat elef Lira ohra Maltin permezz ta’ cekk (Lm4,000).

Wara li sar dan il-hlas, il-konvenut talab li jsir il-kejl kif kien miftiehem bejniethom u l-attur ma sabx oggezzjoni. L-attur kellu jgib ukoll l-ircevuti. Dan kien qabel il-hlas tal-erbat elef Liri Maltin (Lm4,000). L-attur qatt ma gab l-ircevuti, lanqas tal-*main switches* li l-attur kien qal li ma jiswewx flus.

Wara li tah l-erbat elef Lira ghaddew tliet xhur u l-attur rega’ talbu flus. Anthony Gove’ rega' qallu biex isir il-kejl u jekk jonqos xi bilanc jkompli jhallas. Izda, l-attur irrifjuta li jkejjel u nfurmah li t-total kien ta’ Lm20,600 minbarra l-VAT. Cahad ukoll li kien thallas l-ammont ta’ Lm14,000. Il-hlas dejjem sar permezz ta’ cekkijiet, u ghandu f’idejh ircevuti ta’ erbatax-il elf (Lm14,000), minkejja li kien ipproduca rcevuti ta’ tlettax-il elf (Lm13,000) mad-Dipartiment tal-VAT.

Victor Bonello kien l-Inginier li kien imqabbad mill-attur ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol. Anthony Gove’ gieli kkonsulta mal-Inginier u kien qallu li darba sar hlas ta’ Lm14,000 kien qrib is-somma finali. L-Inginier kejjel ix-xoghol pero' l-kont tal-Inginier mhuwiex wiehed finali, peress illi l-kont sar fuq xi tletin kmamar tal-banju kompluti meta effettivament saru hames kmamar tal-banju u zewg *toilets.*

Sussegwentement, meta gie riprodott fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2002 (a fol. 178 tal-process)[6] huwa qal li kienet saret stima fuq id-dawl, il-kmamar tal-banju, *conduit* minghajr *wires*, *casing, geysers* kif ukoll fuq *mixers.*

Fir-rigward id-dawl sar ftehim ta' Lm8.50 il-*point,* l-kmamar tal-banju sar fethim ta' Lm120.00 b'kollox anke bil-*geyser* u banju.

*Geyser* li jinbidel, il-hlas huwa ta' Lm15.00, kull vit li jibdel Lm2.00, pajpijiet Lm5.00 il-*point* u dan minghajr *wire.* Il-*mixers* Lm2.00 il-wahda. Is-*supply* mill-kamra ghall-*main* Lm15.00.

Hafna mix-xoghol qal li xtrah hu stess, per ezempju *switches, showers* ecc.

Sar ftehim li jsir il-kejl izda l-attur ma riedx. Rigward dan huwa qal illi:

*"Meta tajtu l-ahhar pagament kont specifikatament ghedtlu li malli jissarfu dawn ic-cekkijiet irid jigi jkejjel inkella ma' ntihx flus izjed.....Tal-kejl minn dejjem ridt li jsir hekk.... Prospett ta' fejn wasalna fil-kejl qatt ma tani. Jien deherli li x-xoghol ma kellux jammonta ghal izjed minn erbatax-il elf lira u dan wara kalkoli li ghamilt jien, fuq parir ta' haddiehor u jidhirli li kont generuz fil-kejl.....Il-komunikazzjoni tal- generator ghamilha l-attur. Il-kcina tal-hotel ghamilha hu. Hu ghamel id-dawl ta' kullimkien inkluz il-kcina, il-bar u r-restaurant."*

**L-Inginier Victor Bonello**,[7] xehed illi kien imqabbad mill-attur sabiex jaghmel xoghol u jghinu fid-disinn tas-sistema tal-elettriku f'*Cape Inch Hotel*, proprjeta' tal-konvenut. Kien involut fix-xoghol tal-elettriku u *plumbing* fil-kmamar tal-banju, li minghalih sar.

[6] Seduta a fol. 178 tal- process.
[7] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2002 a fol. 173 tal-process.

Wara li kien lest ix-xoghol il-konvenut talbu biex ikejjel. Sabiex hareg il-kont ma kienx acceda fuq il-post. Ix-xoghol ta’ supervizjoni kien inkarigat assistent tieghu, izda hu stess mar diversi drabi fuq il-post in kwistjoni.

L-Inginier konsegwentement ezamina l-*file* li pprepara l-assistent tieghu u hareg stima tax-xoghol a bazi tal-pjanti u nformazzjoni li kien migbur fl-istess *file.* **Dok A5,** li ggib id-data tat-22 ta’ Dicembru 2000 u li hu ezebit fil-process huwa d-dokument li kien irilaxxa lill-konvenut.

Wara li ra l-istima, il-konvenut kien ilmenta illi ma sarux kmamar tal-banju daqs kemm kien hemm indikat fl-istima. L-istess xhud imbaghad ammetta li sar zball fir-rigward il-kmamar tal-banju, li ghandu jitnaqqas *pro rata* mill-bilanc finali. Ir-rati huma dawk tas-suq.

L-Inginier kien qal lill-konvenut illi kienet *“stima indikattiva”* u jehtieg persuna indipendenti sabiex johrog il-kont finali.

**L-Inginier ikkonkluda hekk:**

*“Jiena rajt diskrepanza enormi bejn l-istima tieghi u l-kontijiet li ghadda l-attur lill-konvenut u ghidt lill-konvenut biex jiehu parir.*

*Nghid li c-certifikat u cioe’ l-istima jiena ma kontx irrilaxxajtha mill-ewwel ghax donni bsart x’kien gej imma wara hafna nsistenza kelli intih lill-konvenut.”*

**Leo Gove',** iben il-konvenuti, xehed[8] li missieru huwa l-proprjetarju tal-*Cape Inch Hotel* u li hu jahdem ma’ missieru. Joseph Camilleri, l-attur, kien ghamel biss xoghol ta’ dawl u ilma fil-kmamar tal-lukanda fuq imsemmija. Ghamel ukoll sitt kmamar tal-banju godda u fl-ohrajn ghadda biss il-*wiring.* Ghamel ukoll zewg *toilets* godda. Ghadda sitt trinek fil-kmamar tal-banju. Ghadda l-*wires* biss f’hames kmamar. Meta sar ftehim fuq il-hlas huwa ma kienx prezenti u lanqas meta kien isir il-hlas.

---

[8] Seduta tat-22 ta’ Ottubru 2002 a fol. 178 tal-process.

Min kien hadem qabel ghamel biss it-trinek tal-hames kmamar u wahhal il-pajpijiet. Il-kumplament tax-xoghol sar mill-attur. Ma nbidel l-ebda xoghol minn dak li sar qabel. L-attur kemm ghadda l-*wires.* Sa fejn jaf hu, l-attur dam ghaddej bix-xoghol fil-lukanda ghal *cirka* erba' xhur, u kellu xi hamsa min-nies jahdmu mieghu.

Hu dejjem kien ikun fuq il-post tax-xoghol u l-Inginier Bonello kien hemm ghal xi tliet darbiet biss, pero` l-iktar li kien imur kien wiehed Russu li kien jibghat l-Inginier stess. L-Inginier ma kienx imqabbad min-naha taghhom.

Din il-Qorti qrat bir-reqqa r-rapport[9] tal-**Perit Tekniku Valerio Schembri** li kien wkoll acceda fuq il-fond[10] fejn gie muri l-partijiet tal-Lukanda fejn saru x-xoghlijiet u gie spjegat lilu x-xoghol li sar.

**Apprezzament tar-Rapport tal-Perit Tekniku u tal-Provi.**

Il-Perit Tekniku gustament osserva li l-kaz odjern jinkwadra ruhu f'semplici talba ghall-hlas ta' bilanc dovuti ghal xoghlijiet li saru ta' elettriku, dawl, provista ta' materjal u xoghol iehor konness mal-istess sengha, liema xoghlijiet saru mill-atturi fuq inkarigu tal-istess konvenuti. Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kwalita` tax-xoghol imma biss dwar l-entita` u r-rata ta' hlas dovuta, aparti diskrepanza bejn l-ammont li thallas akkont lill-attur, li xehed li thallas Lm13,000 filwaqt li l-konvenut jeccepixxi li hallsu Lm14000.

Gew esibiti diversi dokumenti. F'**Dok A1** li jinsab a fol. 14 tal-process u li ggib id-data tas-27 ta' Gunju 2000, hemm elenkat l-ammont totali mitlub mill-attur ghax-xoghlijiet li kien esegwixxa, b'total ta' Lm20,784 u bilanc ta' Lm10,784. Jigi osservat li kien l-attur stess li fix-xhieda tieghu ammetta li, fil-fatt ircieva Lm13,000[11].

---

[9] Esibit a fol. 88 tal-process.
[10] Fol. 186 tal-process.
[11] Xhieda a fol.120 tal-process.

L-ammont ta’ Lm20,784 (eskluz il-VAT) jidher ukoll f’ **Dok. VS 27** (esibit a fol. 187 tal-process u annessa mar-relazzjoni peritali), li, fl-opinjoni tal-Perit Tekniku dan l-istess dokument huwa elenku spjegat ta’ **Dok. EG 01** *et seq,* li jinsab a fol. 136 tal-process u li gie esebit mill-attur fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2002. L-abbli Perit Tekniku rrileva li dan il-kont dettaljat, izda, jikkonsisti kwasi fl-*intier* tieghu f'*lump sums* minghajr dettalji teknici bhal ma jirrizulta mill-kont tal-Inginier Bonello, li irrikonoxxa izda li kien kont approssimattiv.[12] Il-Perit ikompli "*Jidher pero` illi s-sekwenza u l-mod kif gie redatt il-kont f'DOK 27 tixbah aktar is-sekwenza ta' kif saret l-analizi waqt l-access."*

Il-konvenuti, flimkien mal-eccezzjonijiet taghhom, ipprezentaw rapport tal-Inginier Victor Bonello, li kien l-Inginier inkarigat mix-xoghlijiet mertu tal-kawza u li hejja l-istess stima ta’ xoghlijiet **Dok A3** esebit a fol. 16 sa fol. 53 tal-process.

Fil-fehma tal-Perit Tekniku, il-lanjanza principali li tohrog mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward tal-kont hija li trinek fil-fatt saru f’sitt kmamar tal-banju u *toilet* wiehed u mhux fi tletin kamra tal-banju, kif hemm indikat f’pagna 52 tal-process. Il-Perit, izda, ma qabilx mat-tezi tal-konvenut peress li x-xoghol tat-trinek kien parti biss mix-xoghol totali li sar fil-kmamar tal-banju, liema xoghol stmah b'mod li kien ser jaggusta r-rati sabiex jirrispekkjaw il-fatt li tali trinek ma sarux fil-kmamar tal-banju in kwistjoni.

Skont ix-xhieda tal-attur u t-tfal tieghu Victor u Josef Camilleri, fir-rigward kemm kienu nies qed jahdmu fuq il-lant tax-xoghol (erbgha jew hamsa) u s-sighat li damu jahdmu, u ghall-fatt li damu cirka seba' xhur jahdmu (cioe’ 29 gimgha xoghol), il-Perit Tekniku wasal ghal *labour cost* ta’ cirka Lm17,400. Dan jirrispekkja x-xhieda prodotti mill-partijiet li bazikament qablu fuq dawn il-fatti.

Il-Perit Tekniku jaghmel accenn ukoll ghad-diskrepanza li tezisti fir-rigward tal-fatt illi l-attur jghid illi ma kienx hemm ftehim fir-rigward ir-rati ta’ hlas, *“Rigward il-hlas ma*

[12] Vide rapport a fol. 114 tal-process.

*ftehmna xejn...”* jiddikjara Joseph Camilleri, waqt illi l-konvenut jghid illi *“....ftehmna tmien liri u nofs il-point (Lm8.50).”*

Il-Qorti rat l-istima tax-xoghlijietipprezentat mill-Perit Tekniku, **(Dok VS 28)** bhala stima tax-xoghlijiet li saru mill-atturi, konsistenti f'xoghol ta’ dawl, elettriku u *plumbing* fuq inkarigu tal-konvenuti, gewwa l-fond *‘Cape Inch’* fil- Qawra bi prezzijiet, li fl-opinjoni tieghu jirrispekkjaw aktar dawk tas-suq meta gie esegwit ix-xoghol in kwistjoni.

Jigi osservat li d-difensur tal-attur iddikjara fis-seduta quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-17 ta’ Jannar 2007, illi huma se jistriehu fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu.

Kif inghad fis-sentenza **Richard Falzon vs Construct Furniture Limited** (Prim’Awla (RCP) deciza fis-7 ta’ Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati, l-kostatazzjonijiet tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu, jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti m’hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista’ tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra, pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti, billi l-Qorti ma ghandiex leggerment tinjora dik il-prova. (**John Saliba -vs- Joseph Farrugia,** Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001).

Illi kif inghad ukoll fis-sentenza **Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et** (Prim’ Awla Onor. Imhallef P. Sciberras deciza fid-9 ta’ Marzu 2005) hu minnu, li kif assodat f’bosta decizjonijiet, il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Gie deciz, izda, illi *‘dan ma*

*jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami'.* ("**Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine",** Appell, 29 ta' Mejju 1998). "*Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kinetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mil-lat tekniku*." ("**Anthony Cauchi -vs- Carmel *sive* Charles Mercieca**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999; "**John Saliba -vs- Joseph Farrugia", u "Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**" citati *ante.)*

Fl-ahhar nett, fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et (**Appell Civili deciz fit-23 ta' Gunju 1967, Vol LI.I.390) gie affermat li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l* ***'giudizio dell'arte'*** *espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli'.*

Illi fil-kaz odjern, ma saret l-ebda talba ghan-nomina ta' Periti Addizzjonali. Anzi d-difensur tal-attur iddikjara fis-seduta quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-17 ta' Jannar 2007, illi huma ser jistriehu fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mill- Perit Tekniku fir-rapport tieghu.

Din il-Qorti, fic-cirkostanzi ma ssibx raguni ghaliex m'ghandhiex taqbel mar-relazzjoni peritali. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis u taghmel bhala taghha l-konkluzjonijiet peritali dedotti mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu kif ukoll l-istima tax-xoghlijiet minnu maghmula **(DOK VS28)** li taghti valur totali ta' dsatax-il elf tmien mija u tlieta u sittin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm19,863.38),

inkluz l- VAT b'15%, ghal dak ix-xoghol li gie esegwit mill-attur fuq l-inkarigu tal-konvenut.

Rigward il-hlas akkont, il-konvenut esibixxa invoice (**DOK A1)** a fol.14 tal-process mahruga mill-konvenut, pagabbli lill-attur, u li ssarrfu, li juri li saru hlasijiet ammontanti ghall-Lm10,000, l-ahhar pagament datat it-2 ta' Gunju 2000, kif ukoll kopji ta' erba' cekkijiet mahrugin fl-erba' xhur minn Awwissu 2000 sa Novembru 2000 fl-ammont ta' Lm1,000-il wiehed (**DOK A2** a fol.15 tal-process). Il-Qorti hija soddisfatta li thallas Lm14,000 akkont u b'hekk jirrizulta bilanc dovut lill-attur ta' hamest elef tmien mija u tlieta u sittin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm5,863.38).

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa'** l-ewwel talba attrici billi tillikwida l-bilanc dovut lill-istess atturi fl-ammont ta' tlettax-il elf, sitt mija u tmienja u hamsin ewro (€13,658) rapprezentanti l-bilanc dovut ta' hamest elef tmien mija u tlieta u sittin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm5,863.38) ghal xoghlijiet ta' elettriku, dawl, provvista ta' materjal u xoghol iehor konness ma' din is-sengha li saru mill-atturi fuq inkarigu tal-konvenuti, u sussegwentement **tilqa'** it-tieni talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata ta' tlettax-il elf, sitt mija u disgha u hamsin ewro u disgha u tletin centezmu (€13,659.39). Bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------